**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, il-Ġimgħa, tlettax (13) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 504/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Rachel Aquilina)***

**Vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Mario Spiteri**, iben Carmel u Carmela nee Axisa, imwieled Pieta, fis-sittax (16) ta' Novembru 1954 u residenti "Our Dream", Triq l-Imdawra, Żurrieq, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 844554(M) talli fil-ħamsa (5) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15hrs) u fil-ħinijiet ta' qabel fi Triq l-Industrija, Kirkop:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru LDF-249 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;[1]

[1] Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) waqt is-sewqan naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura numru LDF 249 jew ħalla l-imsemmija vettura weħidha, bla ma ħa prekawzjoni xierqa sabiex ma tiġix imċaqalqa sakemm kien nieqes u ħalla l-imsemmija vettura wieqfa fit-triq jew li kienet immaniġġata b'mod li kienet ta' xkiel bla bżonn jew ta' xi inkonvenjent għall-pubbliku;[2]

(3) f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu inniffsu jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li kellu l-ħsieb tal-imsemmija vettura.[3]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti mid-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

- ***Fatti tal-Każ***

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15hrs) persuna anonima infurmat lill-Pulizija permezz ta' telefonata li kien hemm persuna fi Triq l-Industrija Kirkop li kien jidher fi stat ta' sakra.

Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LDF 249. Ix-xufier tagħha li ġie identifikat bħala Mario Spiteri ipparkja l-vettura f'nofs ta' triq, fetaħ il-bieba tal-vettura u għeleb għall-isfel. Infermiera mill-

[2] Regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11
[3] Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Isptar Mater Dei waslu fuq il-post u ħadu lil Spiteri l-Isptar. Waqt li Spiteri kien qiegħed Mater Dei, huwa intalab biex jagħmel it-test tal-breathalyser. Fil-mument li kien se jiġi amministrat it-test, l-akkużat beda jirremetti u t-test ma kienx possibbli li jsir. Apparti minn hekk l-istess Spiteri ma kienx luċidu biżżejjed biex jifhem dak li kien qiegħed jingħad lilu.

B'rabta ma' dan il-każ, il-Pulizija ħarrket lill-akkużat biex iwieġeb għall-akkużi odjerni.

Ikkunsidrat:

L-argument prinċipali imqajjem mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha huwa li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-akkużat fil-ħin indikat fl-akkuża kien qiegħed isuq il-vettura. Dan għaliex hekk kif ikkonferma PS 821 Matthew Abela Galea, x'ħin huwa mar fuq il-post indikat lilu sab il-vettura tal-akkużat mitfija f'nofs tat-triq u l-akkużat barra mill-vettura tiegħu. Għalhekk l-akkużat ma jistax jinstab ħati ta' din l-akkuża għax ma kienx qiegħed isuq.

Din il-Qorti pero ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali. Minn eżami tal-atti jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ressqet provi ċirkustanzjali ċari li kollha jippuntaw lejn konklużjoni unika u li tagħmel sens u ċioe li l-akkużat kien qed isuq il-vettura LDF 249 u li kellu kontroll tal-istess fid-data u l-ħin indikati fl-akkuża. Dan għaliex:

(a) L-akkużat kien l-uniku persuna li instab fejn il-vettura u ma kien hemm ħadd aktar fejnu. Id-difiża ma tikkontestax il-fatt li l-akkużat kien fejn din il-vettura u lanqas ma tikkontesta l-fatt li l-akkużat kien waħdu;

(b) Il-vettura ma kinitx f'posizzjoni li tindika li kienet ġiet parkeġġjata b'mod normali. Infatti PS 821 fil-kontro-eżami tiegħu jgħid kif minħabba l-posizzjoni ta' kif instabet il-vettura, il-Pulizija kellha tieħu ħsieb tikkontrolla t-traffiku biex tevita li jseħħu inċidenti minħabba li l-vettura ma kinitx qed tippermetti l-mogħdija sigura tat-traffiku. Li kieku l-vettura kienet parkeġġjata b'mod normali mal-ġenb tat-triq, il-Qorti forsi seta'

kellha dubju dwar jekk fil-mument li ġiet parkeġġjata l-vettura l-akkużat kienx taħt l-effett ta' xi xorb jew drogi. Seta' kien il-każ li l-akkużat kien spiċċa fl-istat li kien fih wara li kien ipparkja l-vettura tiegħu. Madanakollu l-posizzjoni ta' kif tħalliet il-vettura jeskludi dan – l-ebda persuna li tkun f'sensieha ma taqbad titfa' l-vettura f'nofs tat-triq u toħroġ mill-istess sakemm ma jkunx hemm xi raġuni eċċezzjonali għal dan. Fil-każ in diżamina ma irriżultatx xi raġuni eċċezzjonali li kienet tiġġustifika t-tħollija tal-vettura fil-posizzjoni fejn instabet. Ta' rilevanza huwa wkoll dak li ġie rappurtat lill-Pulizija meta daħal ir-rapport u ċioe li kien hemm persuna li kienet tidher fis-sakra u li x'ħin dan l-individwu ipparkja l-vettura u ħareġ minnha huwa għeleb għall-isfel;[4]

(c) il-liġi fl-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 ma tippenalizzax biss is-sewqan jew it-tentattiv ta' sewqan meta wieħed ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi. Tippenalizza wkoll lil min fl-istess ċirkustanzi **<u>ikollu taħt il-kontroll tiegħu vettura</u>** fit-triq jew f'post pubbliku, kif sewwasew kien dan il-każ. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li kien l-akkużat li kellu l-kontroll tal-vettura u ma kien hemm ħadd aktar miegħu. Infatti kif jispjega PS 821 fl-affidavit tiegħu, il-vettura eventwalment inġabret minn iben l-akkużat li ma kienx fuq il-post x'ħin waslu l-Pulizija.

Minn dan kollu huwa evidenti għall-Qorti li l-akkużat ma kienx fil-posizzjoni li jsuq jew li jkollu taħt il-kontroll tiegħu vettura fi triq pubblika. Tant hu hekk li lanqas kien fil-posizzjoni li jagħmel il-breathalyser test. Kif jispeċifika PS 821, hekk kif kien se jiġi amministrat it-test l-akkużat beda jirremetti. Apparti minn hekk l-istess PS 821 jikkonferma kif l-istess akkużat lanqas ma kien luċidu biżżejjed biex jifhem dak li kien qed jintqal lilu. Għall-Qorti dan huwa konferma li l-akkużat assolutament ma kienx f'posizzjoni li jsuq jew li jkollu kontroll ta' vettura għaliex kien fi stat ta' sakra akut. Għalhekk il-Qorti tqis li kemm l-ewwel (1) akkuża kif wkoll it-tielet (3) akkuża irriżultaw pruvati. Għall-fini ta' piena pero, it-tielet (3) akkuża sejra tiġi assorbita fl-ewwel (1) akkuża.

---

[4] Ara affidavit ta' PS 821 Matthew Abela Galea esebit bħala Dokument A.

Rigward it-tieni (2) akkuża, ġia ġie rilevat kif mill-provi rriżulta li l-vettura kienet tħalliet b'mod li kienet qed tostakola t-traffiku u kienet qed tkun ta' xkiel għall-istess. Kif xehed PS 821 in kontro-eżami, il-Pulizija kellha bżonn tidderieġi t-traffiku minħabba l-posizzjoni ta' kif tħalliet il-vettura mill-akkużat u dan sabiex jiġu evitati inċidenti. Għalhekk din l-akkuża tirriżulta wkoll. Peress li sejra tiġi imposta piena għad-delitt ravviżat fl-ewwel akkuża, a tenur tal-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 mhux sejra tingħata piena għal dan ir-reat. Dan peress li fit-termini tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 65 dan huwa punibbli b'ammenda u għalhekk huwa reat kontravvenzjonali.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A(1), 15A(2), 15H(1)(a), 15H(2) u 55(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikoli 17(d) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib **lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u tmien mitt ewro (€ 1,800)**.

Qiegħda tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' sitt (6) xhur dekoribbli min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**